# SUBSIDIARY LEGISLATION 363.63

## SKIPS (GENERAL APPLICATION) REGULATIONS

28th December, 2000

*LEGAL NOTICE 241 of 2000, as amended by Local Council Bye-Laws 28/9/2001, and Legal Notice 425 of 2007.*

**1.** The title of these regulations is the Skips (General Application) Regulations. Citation.

**2.** In these regulations unless the context otherwise requires: Interpretation.

"Act" means the Local Councils Act; Cap. 363.

"authorised person" means any person holding a permit issued by a Local Council to use a skip or bin on wheels in terms of bye-law 4.2;

"bin on wheels" means any recipient on wheels that may be enclosed by means of a lid and which is intended for the deposit of domestic refuse but does not include a skip;

"commercial or industrial waste" means any waste or refuse, originating from any shop, factory, enterprise, or other entity operating commercially or in industry and includes bulky refuse irrespective from where it generates but does not include domestic refuse;

"domestic refuse" means household waste originating from private dwellings, including flats or residential homes but does not include commercial or industrial waste or bulky refuse;

"permit" means the permit issued to an authorised person as set out in Schedule A;

"skip" means any open or closed skip and includes any other recipient of this kind, used for the deposit of commercial or industrial waste, but does not include a bin on wheels.

**3.1** These regulations shall apply to all Local Councils in relation to their locality and shall be deemed to be Bye-Laws for the purposes of article 34(2) of the Act. Applicability of regulations.

3.2 Where any Local Council has made Bye-Laws regulating any matter provided for under these regulations, these regulations shall be deemed to be in addition to and not in derogation of such Bye-Laws:

Provided that in any case when such Bye-Laws provide differently from these regulations, the provisions of those Bye-Laws shal apply:

Provided further that any Local Council may make Bye-Laws in addition to these regulations to make special provision in relation to its locality.

**4.1** No person other than the Council shall place any skip or bin on wheels in any public place within the Council's locality boundary without a permit from the Council. Placement of skips and bins on wheels.

4.2 The Council may in its discretion issue a permit to authorise a person to place a skip or bin on wheels during such time and at such place and under such terms and conditions as may be stipulated in the permit.

*Amended by: L.N. 425 of 2007.*

4.3 When a permit is granted, there shall be payable to the Council -

4.3.1 in the case of a skip, a fee of not more than one euro and sixteen cents (1.16) per day or part thereof for every skip;

4.3.2 in the case of a bin on wheels, a fee of not more than ninety-three cents (0.93) per day or part thereof for every bin on wheels.

4.4 Any person who contravenes any provision of this regulation or who fails to comply with any of the terms of the permit, shall be guilty of a contravention.

Placement of skips and bins on wheels shall be free of danger. *Added by: L.C.B.L. 28/9/2001.*

4.5 When placing skips or bins on wheels, the Iklin Local Council shall ensure that these do not pose any danger either to persons or vehicles.

*Added by: L.C.B.L. 28/9/2001.*

4.6 The application to the Iklin Local Council by a person to place a skip or bin on wheels within the Iklin locality shall be made at least one week before applicant intends to place the skip or bin on wheels.

Contraventions.

**5.** A person shall also be deemed to be guilty of a contravention if -

5.1 he causes any damage to any skip or bin on wheels or obliterates any markings printed on or affixed thereon, or scribbles or makes any mark of any sort on any skip or bin on wheels without the written consent of the Council or of the authorised person; or

5.2 after using the skip or bin on wheels he leaves its lid open or ajar, or deposits any refuse in such manner as to impede the lid from closing properly; or

5.3 he uses the skip or bin on wheels for any purpose other than that it is intended for, or deposits any waste or refuse which the skip or bin on wheels is not intended to receive; or

5.4 he deposits, throws down, drops or othewise spills any waste or refuse outside, around or near the skip or bin on wheels; or

5.5 he removes or misplaces the skip or bin on wheels from where it is placed by the Council or by an authorised person within the space allocated for that purpose; or

5.6 he deposits waste or refuse in a skip or bin on wheels which according to the permit is intended for the exclusive use of an authorised person; or

5.7 he deposits in a bin on wheels any domestic refuse which is not contained in a closed bag, of a type and material approved by the Council; or

5.8 he deposits waste or refuse in a skip or bin on wheels other than that for which written authority has been issued by the Council; or

5.9 he deposits any commercial or industrial or domestic refuse, which has not originated from within the Council's locality boundary;

5.10 he deposits in any bin on wheels, waste, refuse, objects or substance which is not of a domestic nature; or deposits in any skip commercial and/or industrial waste when he is not authorised in writing by the Iklin Local Council to do so;

*Added by: L.C.B.L. 28/9/ 2001.*

5.11 in the case of a skip, he throws or deposits commercial and/or industrial waste or refuse which does not originate from Iklin, unless so authorised in writing by the Iklin Local Council and on registration or payment, if such is the case, of a fee as indicated in Column 2 of Schedule B.

*Added by: L.C.B.L. 28/9/ 2001.*

Registration of commercial and industrial establishments.

**6.1** Any person who, through an activity in a locality, generates any commercial or industrial waste shall register with the Council of that locality, and shall keep such Council informed at all times of the contractor engaged by such person to collect and remove his commercial or industrial waste. Any person who fails to comply with this regulation shall be guilty of a contravention.

6.2 No person as is mentioned in regulation 6.1 shall throw or deposit commercial and, or industrial waste in the skips or bins on wheels supplied by the Council unless so authorised in writing by the said Council.

6.3 Any person who engages in a commercial and/or industrial activity within the Iklin locality, which activity falls under any one of the categories of establishments listed in Column I of Schedule B, shall register with the Iklin Local Council in order to be granted authority to deposit commercial and/or industrial waste within the skips provided by the Iklin Local Council within the boundaries of the Iklin locality or else so that the waste may be collected by the Iklin Local Council contractor.

*Added by: L.C.B.L. 28/9/ 2001.*

6.4 For every registration made in terms of regulation 6.3 there shall be paid to the Iklin Local Council the fee as indicated in Column 2 of Schedule B.

*Added by: L.C.B.L. 28/9/ 2001.*

6.5 The Iklin Local Council may, for valid reasons given in writing, refuse to register a person in terms of regulation 6.3.

*Added by: L.C.B.L. 28/9/ 2001.*

6.6 No person listed in Column 1 of Schedule B shall throw or deposit commercial and/or industrial waste in the skips or bins on wheels provided by the Iklin Local Council or make use of the services provided by the Iklin Local Council for the collection of waste within the Iklin locality, unless registration is made together with the payment of the fee indicated in Column 2 of Schedule B.

*Added by: L.C.B.L. 28/9/ 2001.*

Offences and penalties. *Amended by: L.N. 425 of 2007.*

**7.1** Any person who commits any contravention under any of the provisions of regulation 5 shall, on conviction, be liable, unless a higher penalty is applicable under any other law -

7.1:1 for a first offence, to a fine (*ammenda*) of forty-six euro and fifty-nine cents (€46.59); and

7.1.2 for a second or subsequent offence, to a fine (*ammenda*) of sixty-nine euro and eighty-eight cents (€69.88).

*Amended by: L.N. 425 of 2007.*

7.2 In the case of an offence under regulation 4, a person shall be liable on conviction to a fine (*ammenda*) of sixty-nine euro and eighty-eight cents (€69.88); and in the case of a continuing offence, to an additional fine (*ammenda*) of eleven euro and sixty-five cents (€11.65) for each day during which the offence continues.

*Amended by: L.N. 425 of 2007.*

7.3 In the case of an offence under regulation 6.1 a person shall be liable to conviction to a fine (*ammenda*) of sixty-nine euro and eighty-eight cents (€69.88) and in case of a continuing offence, to an additional fine (*ammenda*) of eleven euro and sixty-five cents (€11.65) for each day during which the offence continues.

*Amended by: L.N. 425 of 2007.*

7.4 In the case of contravention under regulation 6.2, a person shall be liable on conviction to a fine (*ammenda*) of sixty-nine euro and eighty-eight cents (€69.88).

*Added by: L.C.B.L. 28/9/2001. Amended by: L.N. 425 of 2007.*

7.5 In the case of a contravention under regulations 4.5 and 4.6, a person shall be liable on conviction to a fine (*ammenda*) of sixty-nine euro and eighty-eight cents (€69.88), and in the case of a continuing contravention, to another fine (*ammenda*) of eleven euro and sixty-five cents (€11.65) for each day during which the contravention continues.

*Added by: L.C.B.L. 28/9/2001. Amended by: L.N. 425 of 2007.*

7.6 In the case of a contravention under regulation 6.6, a person shall be liable on conviction to a fine (*ammenda*) of sixty-nine euro and eighty-eight cents (€69.88).

Civil damages.

**8.** The imposition of a penalty under these regulations shall be without prejudice to the right of the Council to recover any civil damages caused by the commission of an offence under these regulations.

Termination or cancellation of registration.

**9.** The Council may terminate the permit, if it is satisfied that any of the terms and conditions under which the said permit was issued has not been complied with, or if there is a substantial change in circumstances which in the opinion of the Council render it necessary to withdraw the permit. In this case the Council shall not be obliged to refund any fee paid under regulation 4.3.

Regulations not to prejudice article 34(2) of the Act.

**10.** These regulations are without prejudice to the provisions to the provisions of the proviso to article 34(2) of the Act.

## SCHEDULE A

(Regulation 2)

*Amended by: L.N. 425 of 2007.*

........................ LOCAL COUNCIL

Permit for the Use of a Skip/Bin on Wheels

IN exercise of the powers conferred by regulation 4 of the Skips (General Application) Regulations, the .................. Local Council is hereby authorising ......... .............................. residing at ................................................................................ Licence No. ............................ I.D. Card No. ......................... ( ) name of enterprise or company ..................................VAT No. .................. Tel. No./Fax .................... to place ...................... skip/s / bin/s on wheels in the Council's locality boundary under the terms and conditions specified hereunder:

1. The skip/bin on wheels shall be of a size, type and colour approved by the Council.
2. No markings shall be printed on or affixed to or removed from the skip/bin on wheels unless authorised by the Council in writing.
3. There shall be printed on the skip/bin on wheels such markings as may be authorised by the Council in writing.
4. The skip/bin on wheels shall be placed on the site/s indicated by the Council on the attached site plan provided by the same Council.
5. The authorised person shall ensure that the skip/bin on wheels is emptied every ..................... or when it is full, whichever is the earlier.
6. The Skips (General Application) Regulations shall apply to each and every skip/bin on wheels placed in the Council's locality boundary.
7. The authorised person shall ensure that all preventive precautions for the conservation of the environment and for the protection of the citizen, are being implemented.
8. At all times during the period of authorisation the authorised person shall indemnify the Council against any third party liability or claim arising out of, or in relation to, the placement or use of any such skip/bin on wheels.
9. Subject to earlier termination or cancellation in terms of regulation 9, this permit shall be valid for a period of ................................. commencing on .............................. .
10. This permit is subject to the payment of a fee of € ............. .

................................ ...............................

Mayor Executive Secretary

Date ...........................

*Substituted by: L.N. 425 of 2007.*

SCHEDULE B

(Regulation 6.3)

CATEGORIES OF ESTABLISHMENTS AND FEES

| Column 1 | Column 2 |
|---|---|
| CATEGORIES | FEES FOR USE OF SKIPS |
| Category No. 1 | |
| Sport centres, churches, schools, houses for the elderly and persons having the Kartanzjan | No fees |
| Category No. 2 | |
| Dressmakers, offices, clinics, grocers, bakeries, butchers, pharmacies, bazaars, stationeries, confectioneries, ironmongers, greengrocers | A fee of €23.29 per annum |
| Category No. 3 | |
| Bars, snack bars, institutions and other organisations, hairdressers, salons, pet shops, plant and flower shops, halls, other commercial shops, carpenters, household appliances shops, aluminium manufacturers, hawkers selling nougat, street hawkers, discoteques. | A fee of €69.88 per annum |
| Category No. 4 | |
| Mobile kiosks and hawkers selling fast foods, who require a temporary police licence to operate within the locality on feast days. | A fee of €46.59 for the duration of the licence |
| Category No. 5 | |
| Hotels, restaurants, holiday complexes, guest houses, banks, showrooms and stores. | A fee of €139.76 per annum |
| Category No. 6 | |
| Mechanics, panel beaters, sprayers, tyre service, petrol stations, blacksmiths. | A fee of €232.94 per annum |
| Category No. 7 | |
| Industrial establishments including enterprises or co-operatives or any other enterprise, government departments and parastatal entities or corporations, excluding construction sites or stone quarries (where construction sites do not include those for private residential purposes). | A fee of €1,397.62 per annum |
| Category No. 8 | |

| | |
|---|---|
| Other industrial establishments not falling under any other category shown in this schedule, other than those already included in Category No. 7. | A fee of €931.75 per annum |
| Category No. 9 | |
| Those establishments and entities not listed in Categories 1 to 6. | A fee of €46.59 per annum. |

# LEĠISLAZZJONI SUSSIDJARJA 363.63

## REGOLAMENTI DWAR *SKIPS* (APPLIKAZZJONI ĠENERALI)

28 ta' Diċembru, 2000

*L-AVVIŻ LEGALI 241 ta' l-2000, kif emendat bil-Kunsill Lokali* Bye-Law *28/9/2001 u bl-Avviż Legali 425 ta' l-2007.*

**1.** It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti dwar *Skips* (Applikazzjoni Ġenerali). Titolu.

**2.** F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra: Tifsir.

"Att" tfisser l-Att dwar Kunsilli Lokali; Kap. 363.

"awtorizzazzjoni" tfisser l-awtorizzazzjoni mogħtija lil persuna awtorizzata kif provdut fl-Iskeda A;

"*bin on wheels*" tfisser reċipjent fuq ir-roti li jingħalaq b'għatu u li hu maħsub għar-rimi ta' skart domestiku iżda ma tinkludix *skip*;

"persuna awtorizzata" tfisser kull persuna li jkollha l-permess maħruġ minn Kunsill Lokali biex tagħmel użu minn *skip* jew *bin-on-wheels* skond ir-regolament 4.2;

"skart domestiku" tfisser kull skart tad-dar mormi minn postijiet ta' abitazzjoni magħduda appartamenti jew djar residenzjali iżda ma tinkludix skart kummerċjali jew industrijali jew skart goff;

"skart kummerċjali jew industrijali" tfisser kull xorta ta' skart li jkun mormi minn ħwienet, fabbriki, intrapriżi jew entitajiet oħra li joperaw fil-kummerċ jew fl-industrija u tinkludi kull xorta ta' skart goff jiġi mnejn jiġi iżda ma tinkludix żibel jew skart domestiku;

"*skip*" tfisser reċipjent magħluq u tinkludi kull reċipjent ieħor ta' din ix-xorta maħsub li jintuża għad-depożitu ta' skart kummerċjali jew industrijali, iżda ma tinkludix *bin on wheels*.

**3.1** Dawn ir regolamenti japplikaw għall-Kunsilli Lokali kollha skond il-lokalità tagħhom u għandhom jitqiesu li huma *Bye-Laws* għall-finijiet ta' l-artikolu 34(2) ta' l-Att. Kif japplikaw dawn ir-regolamenti.

3.2 Fejn xi Kunsill għamel *Bye-Laws* sabiex jirregolaw xi ħaġa li dwarha hemm provdut f'dawn ir-regolamenti, dawn ir-regolamenti għandhom jitqiesu b'żieda ma', u mhux bi tnaqqis ta', dawn il-*Bye-Laws*:

Iżda f'kull każ meta dawn il-*Bye-Laws* jipprovdu xort'oħra minn dawn ir-regolamenti, id-disposizzjonijiet ta' dawk il-*Bye-Laws* għandhom japplikaw:

Iżda wkoll Kunsill Lokali jista' jagħmel *Bye-Laws* b'żieda ma' dawn ir-regolamenti biex jipprovdi għal disposizzjonijiet speċjali ggħal-lokalità tiegħu.

**4.1** Ħadd ħlief il-Kunsill ma għandu jqiegħed *skip* jew *bin on wheels* f'xi post pubbliku fil-konfini tal-Kunsill Lokali mingħajr il-permess tal-Kunsill. Tqegħid ta' *skips* u *bins on wheels.*

4.2 Il-Kunsill jista', fid-diskrezzjoni tiegħu, joħroġ awtorizzazzjoni lil persuna biex tqiegħed *skip* jew *bin on wheels* f'dawk il-ħinjiet, u f'dawk il- postijiet u taħt dawk il-pattijiet u kondizzjonijiet li jistgħu jkunu stipulati fil-permess.

*Emendat: A.L. 425 ta' l-2007.*

4.3 Meta tinħareġ awtorizzazzjoni għandu jitħallas lill-Kunsill:

4.3.1 fil-każ ta' *skip*, dritt ta' mhux aktar minn euro u sittax-il ċenteżmu (1.16) għal kull jum jew parti minnu għal kull *skip*;

4.3.2 fil-każ ta' *bin on wheels*, dritt ta' mhux aktar minn tlieta u disgħin ċenteżmu (0.93) għal kull jum jew parti minnu għal kull *bin on wheels*.

4.4 Kull persuna li tikser xi disposizzjoni ta' dan ir-regolament jew li tonqos milli tħares xi waħda mill-kondizzjonijiet ta' l-awtorizzazzjoni, tkun ħatja ta' kontravvenzjoni.

It-tqegħid ta' *skips* u *bins on wheels* għandu jkun mingħajr periklu. *Miżjud: K.L.B.L. 28/9/2001.*

4.5 Fit-tqegħid ta' *skips* jew *bins on wheels*, il-Kunsill Lokali Iklin għandu jassigura li dawn ma jkunux ta' periklu kemm għal persuni kemm għal vetturi.

*Miżjud: K.L.B.L. 28/9/2001.*

4.6 L-applikazzjoni lill-Kunsill Lokali Iklin minn persuna biex tqiegħed *skip* jew *bin on wheels* ġewwa l-lokalità ta' l-Iklin trid issir mill-inqas ġimgħa qabel ma l-applikant ikun bi ħsiebu jqiegħed *skips* jew *bins on wheels*.

Kontravvenzjonijiet.

**5.** Persuna tkun ukoll ħatja ta' kontravvenzjoni jekk:

5.1 tagħmel xi ħsara lil xi *skip* jew *bin on wheels* jew tħassar xi marki stampati fuqhom jew imwaħħlin magħhom, jew tħażżeż jew tagħmel xi marka ta' kull tip ma' xi *skip* jew *bin on wheels* mingħajr il-kunsens bil-miktub tal-Kunsill jew tal-persuna awtorizzata; jew

5.2 wara li tuża l-i*skip* jew *bin on wheels* tħalli l-għatu tagħhom miftuħ jew imbexxaq, jew tiddepożita xi skart b'mod li l-għatu ma jingħalaqx sewwa; jew

5.3 tuża l-i*skip* jew *bin on wheels* għal xi għan li ma jkunx dak li hu maħsub għalih, jew tiddepożita xi żibel jew skart li mhux suppost jintrema fl-i*skip* jew *bin on wheels*; jew

5.4 tiddepożita, twaddab, twaqqa, jew xort'oħra xxerred xi żibel jew skart ma' ġenb, madwar jew ħdejn l-i*skip* jew *bin on wheels*; jew

5.5 tneħħi jew iċċaqlaq l-i*skip* jew il-*bin on wheels* minn fejn tkun tpoġġiet mill-Kunsill jew minn persuna awtorizzata fl-ispazju provdut għal dak il-għan; jew

5.6 tiddepożita żibel jew skart f'xi *skip* jew *bin on wheels* li skond l-awtorizzazzjoni tkun maħsuba għall-użu esklużiv ta' persuna awtorizzata; jew

5.7 tiddepożita f'*bin on wheels* skart domestiku li ma jkunx tqiegħed f'borża magħluqa, ta' xorta u materjal

approvat mill-Kunsill; jew

5.8 tiddepożita żibel jew skart fi *skip* jew *bin on wheels*, li ma jkunux dawk li dwarhom tkun inħarġet awtorizzazzjoni bil-miktub mill-Kunsill; jew

5.9 tiddepożita xi żibel kummerċjali jew industrijali jew skart domestiku li ma jkunx ġej mill-konfini tal-Kunsill; jew

5.10 tiddepożita f'xi *bin on wheels* xi żibel, skart, oġġetti jew sustanza li ma tkunx ta' xorta domestika; jew titfa f'xi *skip* xi skart kummerċjali u, jew industrijali meta ma jkollhiex l-awtorità bil-miktub tal-Kunsill Lokali Iklin; *Miżjud: K.L.B.L. 28/9/ 2001.*

5.11 fil-każ ta' *skip*, tarmi jew tiddepożita żibel jew skart kummerċjali u, jew industrijali li ma jkunx provenjenti minn ġo l-Iklin stess, sakemm mhux bl-awtorità bil-miktub tal-Kunsill u mar-reġistrazzjoni jew ħlas, jekk il-każ, ta' dritt kif muri fil-Kolonna 2 ta' l-Iskeda B. *Miżjud: K.L.B.L. 28/9/ 2001.*

Reġistrazzjoni ta' stabbilimenti kummerċjali u industrijali.

**6.1** Kull persuna li permezz ta' xi attività fil-lokalità, tiġġenera xi skart kummerċjali jew industrjali għandha tirreġistra mal-Kunsill ta' dik il-lokalità u għandha żżomm lil dak il-Kunsill mgħarraf f'kull żmien bl-isem tal-kuntrattur inkarigat minnha sabiex jiġbor u jneħħi dak l-iskart kummerċjali jew industrjali. Kull persuna li tonqos milli tħares dan ir-regolament tkun ħatja ta' kontravvenzjoni.

6.2 Ebda persuna kif imsemmija fir-regolament 6.1 ma għandha tarmi jew tiddepożita skart kummerċjali u/jew industrijali fl-i*skip* jew *bins on wheels* provduti mill-Kunsill sakemm ma tkunx hekk awtorizzata bil-miktub mill-istess Kunsill.

6.3 Kull persuna li tagħmel xogħol ta' xorta kummerċjali u, jew industrijali ġewwa l-lokalità ta' l-Iklin, liema xogħol jaqa' taħt xi waħda mill-kategoriji ta' stabbilimenti u mniżżla taħt il-Kolonna 1 ta' l-Iskeda B, għandha tirreġistra mal-Kunsill Lokali Iklin sabiex ikollha l-awtorità tarmi skart kummerċjali u, jew industrijali fl-i*skips* provduti mill-Kunsill Lokali Iklin fil-konfini tal-lokalità ta' l-Iklin jew sabiex dak l-iskart jista' jinġabar mill-kuntrattur tal-Kunsill Lokali Iklin. *Miżjud: K.L.B.L. 28/9/ 2001.*

6.4 Ma' kull reġistrazzjoni taħt ir-regolament 6.3 għandu jitħallas lill-Kunsill Lokali Iklin dritt kif muri fil-Kolonna 2 ta' l-Iskeda B. *Miżjud: K.L.B.L. 28/9/ 2001.*

6.5 Il-Kunsill Lokali Iklin jista', għal raġunijiet validi mogħtija bil-miktub, jiċħad li jirreġistra persuna skond ir-regolament 6.3. *Miżjud: K.L.B.L. 28/9/ 2001.*

6.6 Ebda persuna murija fil-Kolonna 1 ta' l-Iskeda B ma għandha tarmi jew tiddepożita skart kummerċjali u, jew industrijali fl-i*skips* jew *bins on wheels* ipprovduti mill-Kunsill Lokali Iklin jew tagħmel użu mis-servizz tal-ġbir ta' l-iskart provdut mill-Kunsill Lokali Iklin ġewwa l-lokalità ta' l-Iklin sakemm issir ir-reġistrazzjoni mal-ħlas tad-dritt dovut taħt il-Kolonna 2 ta' l-Iskeda B. *Miżjud: K.L.B.L. 28/9/ 2001.*

Reati u pieni.
*Emendat: A.L. 425 ta' l-2007.*

**7.1** Kull persuna li tagħmel xi kontravvenzjoni taħt id-disposiżżjonijiet tar-regolament 5 tista' teħel, meta tinsab ħatja, sakemm ma tkunx applikabbli xi piena ogħla taħt xi liġi oħra -

7.1.1 għall-ewwel kontravvenzjoni, ammenda ta' sitta u erbgħin euro u disgħa u ħamsin ċenteżmu (€46.59), u

7.1.2 għat-tieni kontravvenzjoni, jew għal kull kontravvenzjoni oħra li ssir wara, ammenda ta' disgħa u sittin euro u tmienja u tmenin ċenteżmu (€69.88).

*Emendat: A.L. 425 ta' l-2007.*

7.2 F'każ ta' reat taħt ir-regolament 4, persuna tista' teħel meta tinsab ħatja ammenda ta' disgħa u sittin euro u tmienja u tmenin ċenteżmu (€69.88); u fil-każ ta' reat kontinwat, ammenda addizzjonali ta' ħdax-il euro u ħamsa u sittin ċenteżmu (€11.65) għal kull jum li matulu jkompli r-reat.

*Emendat: A.L. 425 ta' l-2007.*

7.3 F'każ ta' kontravvenzjoni taħt ir-regolament 6.1, persuna tista' teħel meta tinsab ħatja ammendda ta' disgħa u sittin euro u tmienja u tmenin ċenteżmu (€69.88) u fil-każ ta' reat kontinwat, ammenda addizzjonali ta' ħdax-il euro u ħamsa u sittin ċenteżmu (€11.65) għal kull jum li matulu jkompli r-reat.

*Emendat: A.L. 425 ta' l-2007.*

7.4 F'każ ta' kontravvenzjoni taħt ir-regolament 6.2, persuna tista' teħel meta tinsab ħatja ammendda ta' disgħa u sittin euro u tmienja u tmenin ċenteżmu (€69.88).

*Miżjud: K.L.B.L. 28/9/2001. Emendat: A.L. 425 ta' l-2007.*

7.5 F'każ ta' kontravvenzjoni taħt ir-regolamenti 4.5 u 4.6, persuna teħel, meta tinsab ħatja, ammenda ta' disgħa u sittin euro u tmienja u tmenin ċenteżmu (€69.88), u fil-każ ta' reat kontinwat, ammenda oħra ta' ħdax-il euro u ħamsa u sittin ċenteżmu (€11.65) għal kull jum li matulu jkompli r-reat.

*Miżjud: K.L.B.L. 28/9/2001. Emendat: A.L. 425 ta' l-2007.*

7.6 F'każ ta' kontravvenzjoni taħt ir-regolament 6.6, persuna teħel, meta tinsab ħatja, ammenda ta' disgħa u sittin euro u tmienja u tmenin ċenteżmu (€69.88).

Danni ċivili.

**8.** Meta persuna teħel piena taħt dawn ir-regolamenti dan ikun bla preġudizzju għall-jedd tal-Kunsill li jirkupra danni ċivili li jkunu saru bl-għemil ta' xi reat taħt dawn ir-regolamenti.

Tmiem jew tħassir ta' reġistrazzjoni.

**9.** Il-Kunsill jista' jirrevoka kull awtorizzazzjoni jekk ikun sodisfatt li xi patt jew xi kondizzjoni li tagħhom tkun ingħatat dik l-awtorizzazzjoni ma jkunx ġie mħares, jew jekk ikun hemm tibdil sostanzjali fiċ-ċirkostanzi li fil-fehma tal-Kunsill joħolqu l-ħtieġa li dik l-awtorizzazzjoni tiġi revokata. F'dak il-każ il-Kunsill ma jkunx meħtieġ li jħallas lura xi dritt li jkun tħallas taħt ir-regolament 4.3.

Dawn ir-regolamenti ma jolqtux l-artikolu 34(2) ta' l-Att.

**10.** Dawn ir-regolamenti huma bla preġudizżju għad-disposizzjonijiet tal-proviso ma' l-artikolu 34(2) ta' l-Att.

SKEDA A

(Regolament 2)

*Emendata: A.L. 425 ta' l-2007.*

KUNSILL LOKALI .................

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bir-regolament 4 tar-Regolamenti dwar *Skips* (Applikazzjoni Ġenerali), il-Kunsill Lokali ta' ................. qiegħed b'dan jawtorizza lil .................................... li joqgħod ................................................................ Nru tal-Liċenza ...................... Nru tal-Karta ta' l-Identità ...................... ( ) isem ta' intrapriża jew kumpannija ................................ Nru. tal VAT ................ Nru tat-telefon/fax ................ biex iqiegħed ................ *skip/s / bin/s on wheels* fil-konfini tal-lokalità tal-Kunsill bil-pattijiet u kondizzjonijiet li ġejjin:

1. L-i*skip/bin on wheels* għandha tkun ta' kobor, tip u lewn kif jiġi approvat mill-Kunsill.
2. Ebda marka m'għandha tkun stampata fuq jew imwaħħla ma' l-i*skip/bin on wheels* jew tiġi mħassra minn fuqha jekk mhux bil-kunsens tal-Kunsill mogħti bil-miktub.
3. Għandhom jiġu stampati fuq l-i*skip/bin on wheels* dawk il-marki li jistgħu jiġu awtorizzati mill-Kunsill bil-miktub.
4. L-i*skip/bin on wheels* għandha tiġi mqiegħda f'dak il-lok li jindika l-Kunsill, fuq il-pjanta hawn mehmuża provduta mill-istess Kunsill.
5. Il-persuna awtorizzata għandha tiżgura li l-i*skip/bin on wheels* tiġi mbattla kull ................ jew hekk kif timtela, liema mit-tnejn tiġi l-ewwel.
6. Ir-Regolamenti dwar *Skips* (Applikazzjoni Ġenerali) għandhom japplikaw għal kull *skip/bin on wheels* imqiegħda fil-konfini tal-Kunsill.
7. Il-persuna awtorizzata għandha f'kull żmien tiżgura li jittieħdu l-miżuri kollha preventivi sabiex fl-użu ta' l-i*skip/bin on wheels* jiġi mħares l-ambjent u s-saħħa taċ-ċittadin.
8. F'kull żmien matul it-terminu ta' din l-awtorizzazzjoni, il-persuna awtorizzata għandha tindennizza lill-Kunsill kontra kull riskju għal terzi jew talbiet li joriġinaw minn tqegħid jew l-użu ta' dawk l-*skips/bins on wheels*.
9. Kemm-il darba l-Kunsill ma jħassarx jew jirrevokax din l-awtorizzazzjoni qabel iż-żmien skond ir-regolament 9, din l-awtorizzazzjoni tkun valida għall-perijodu ta' ....................... li jibda għaddej minn ........................ .
10. Din l-awtorizzazzjoni qiegħda tingħata mal-ħlas ta' € ............ .

................................ ...................................

Sindku Segretarju

(data) ...........................

Timbru tal-Kunsill

*Sostitwita:*
*A.L. 425 ta' l-2007.*

SKEDA B

(Regolament 6.3)

KATEGORIJI TA' STABBILIMENTI U DRITTIJIET

| Kolonna 1 | Kolonna 2 |
|---|---|
| KATEGORIJI | DRITTIJIET GĦALL-UŻU TA' *SKIPS* |
| Kategorija Nru. 1 | |
| Ċentri sportivi, knejjes, skejjel, djar ta' l-anzjani u residenti li jippreżentaw il-Kartanzjan | L-ebda ħlas. |
| Kategorija Nru. 2 | |
| Ħajjata, uffiċini, kliniċi, *grocers*, fran, *butchers*, spiżeriji, *bazaars*, *stationeries*, *confectioneries*, *ironmongers*, *greengrocers*. | Ħlas ta' €23.29 fis-sena |
| Kategorija Nru. 3 | |
| *Bars*, *snack bars*, istituzzjonijiet u organizzazjonijiet oħra, *hairdressers*, *salons*, *pet-shops*, ħwienet li jbiegħu il-fjuri u l-pjanti, swali, ħwienet oħra kummerċjali, mastrudaxxi, ħwienet tal-*household appliances*, min jaħdem l-*aluminium*, bejjiegħa tal-qubbajt, bejjiegħa tat-toroq, u diskoteki. | Ħlas ta' €69.88 fis-sena |
| Kategorija Nru. 4 | |
| *Mobile kiosks* u bejjiegħa ta' *fast foods*, li jeħtieġu liċenza temporanja tal-pulizija biex joperaw waqt jiem ta' festa fil-lokalità. | Ħlas ta' €46.59 għaż-żmien tal-liċenza |
| Kategorija Nru. 5 | |
| Lukandi, ristoranti, *holiday complexes*, *guest houses*, banek, *showrooms* u *stores*. | Ħlas ta' €139.76 fis-sena |
| Kategorija Nru. 6 | |
| *Mechanics*, tellara, *sprayers*, *tyre services*, *petrol stations*, ħaddieda. | Ħlas ta' €232.94 fis-sena |
| Kategorija Nru. 7 | |
| Stabbilimenti industrijali li jinkludu intrapriżi jew koperattivi u intrapriżi oħrajn, dipartimenti tal-gvern u korpi parastatali jew korporazzjonijiet, iżda li m'humiex barrieri, jew siti ta' kostruzzjoni (fejn siti ta' kostruzzjoni ma jinkludux postijiet għal skop ta' residenza privata). | Ħlas ta' €1,397.62 fis-sena |
| Kategorija Nru. 8 | |
| Stabbilimenti industrijali oħra li ma jaqgħux taħt ebda waħda mill-kategoriji l-oħra murija f'din l-Iskeda ħlief dawk diġà inklużi fil-kategorija Nru. 7. | Ħlas ta' €931.75 fis-sena |
| Kategorija Nru. 9 | |

| | |
|---|---|
| Dawk l-istabbilimenti u entitajiet l-oħra mhux indikati fil-Kategoriji 1 sa 6. | Ħlas ta' €46.59 fis-sena |